# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 12 ta' Frar 2020**

**Talba Numru 273/2019SFJ**

***Absolute Services Limited (C68516) kif rappreżentata minn Joseph Gauci (479555M)***
***vs.***
***Stefan Darmenia (48866M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' erbat elef u seba' mija u sitta u sebgħin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€4,776.33) rappreżentanti ħlas ta' xahrejn *notice* lis-soċjetà attriċi li huwa kellu jagħti f'każ li jittermina l-kuntratt ta' servizz ta' *carer* li huwa kien iffirma mal-istess soċjetà attriċi, liema *notice* qatt ma ngħatat kif ukoll rappreżentanti s-servizz ta' *carer* bejn l-1 ta' Frar u l-14 ta' Marzu 2018

Ra d-dokumentazzjoni annessa mal-Avviż tat-Talba li tikkonsisti f'kopja ta' *General Service Agreement* (dokument AS1) li jġib l-ismijiet tal-partijiet.

Ra li l-konvenut kienet debitament innotifikat bl-Avviż tat-Talba nhar is-27 ta' Novembru 2019 kif jidher mir-riferta relattiva (fol. 18 tal-proċess).

Ra li fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2019 xehed Joseph Gauci li kkonferma li l-ammont kien dovut mill-konvenut għar-raġunijiet imsemmija fl-Avviż tat-Talba.

Ra li l-konvenut ma deher għal ebda waħda mis-seduti miżmuma u ma ppreżenta ebda dokument jew sottomissjoni kwalsiasi.

Ra l-kapitolu ippreżentat mis-soċjetà attriċi fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2020.

Ra li fl-udjenza tas-27 ta' Jannar 2020, il-konvenut baqa' ma deherx biex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilu in subizzjoni biex jikkontesta l-kawża.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li din it-talba tas-soċjetà attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut u jqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbat elef u seba' mija u sitta u sebgħin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€4,776.33) u bl-imgħax li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**